32002D0226

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Marzu 2002

li tistabbilixxi kontrolli sanitarji speċjali għall-ġbir u l-ipproċessar ta' ċerti molluski b'żewġ valvoli b' livell ta' velenu amnesiku tal-malluski ASP (*Amnesic Shellfish Poison*) li jabqeż il-limitu ffissat mid-direttiva 91/492/KEE tal-Kunsill

(innotifikata taħt in-numru C(2002) 1009)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/226/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat id-direttiva 91/492/KEE tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li twaqqaf ir-regoli sanitarji li jikkontrollaw il-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' molluski b'żewġ valvoli ħajjin [1], kif emendata l-aħħar bid-direttiva 97/79/KE [2], u b'mod partikolari l-aħħar punt tal-kapitlu V ta' l-Anness tagħha,

Billi:

(1) Il-punt 7 a tal-Kapitlu V ta' l-Anness tad-direttiva 91/492/KEE jistipula li l-livell totali ta' velenu amnesiku kkontenut fil-malluski "*Amnesic Shellfish Poison*" (ASP) fil-partijiet li jittieklu tal-molluski (il-malluska sħiħa jew kull parti li tittiekel separatment) m'għandux jaqbeż l-20 mg ta' *domoic acid* (DA) skond il-metodu *high performance liquid chromatography* (HPLC).

(2) Rigward molluski b'żewġ valvoli ta' l-ispeċi *Pecten maximus* u *Pecten jacobaeus*, studji xjentifiċi wrew li, jekk il-konċentrazzjoni ta' *domoic acid* fil-korp sħiħ hi bejn l-20 u l-250 mg għall kull kilogramma, f'ċerti kundizzjonijiet restrittivi, il-konċentrazzjoni ta' DA fil-muskolu *adductor* (li minnu jgħaddi l-likwidu) u/jew gonadi destinati għall-konsum mill-bniedem hi normalment inferjuri għal-limitu legali ta' 20 mg għal kull kilogramma.

(3) Fid-dawl ta' studji xjentifiċi riċenti, jixraq illi jiġi stipulat, biss għaż-zmien tal-ġbir u għall-molluski b'żewġ valvoli li jappartjenu għall-ispeċi msemmija hawn fuq fit-tieni paragrafu, livell ta' ASP għall-korp sħiħ ogħla mil-limitu ffissat fid-direttiva 91/492/KEE.

(4) Jinkombi lill-Awtorità Kompetenti ta' l-Istati Membri li tawtorizza lill-stabbilimenti fejn issir il-preparazzjoni speċifika ta' dawn il-molluski b' żewġ valvi u li tivverifika l-applikazzjoni sodisfaċenti ta' l-awto-kontrolli sanitarji li jissemmew fl-artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tiffissa r-regoli sanitarji li jikkontrollaw il-produzzjoni u l-bejgħ fis-suq tal-prodotti tas-sajd [3], hekk kif modifikata fl-aħħar mid-Direttiva 97/79/KE

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid jekk provi xjentifiċi juru l-bżonn li jitwettqu kontrolli sanitarji oħra, jew li jiġu mmodifikati l-parametri stabbiliti għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

(6) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

1. B'deroga mill-punt 7 a tal-Kapitlu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/492/KEE, l-Istati membri jistgħu jawtorizzaw il-ġbir ta' molluski b'żewġ valvoli ta' l-ispeċi *Pecten maximus* u *Pecten jacobaeus* li jippreżentaw konċentrazzjoni ta' *domoic acid* (DA) fil-korp kollu li jeċċedi l-20mg/kg li pero' jkun anqas minn 250 mg/kg, li jissodisfa l-kundizzjonijiet li jissemmew fil-paragrafu 2.

2. Il-kundizzjonijiet li jissemmew fil-paragrafu 1 huma dawn li ġejjin:

(a) Il-molluski huma sottomessi għall-kundizzjonijiet ta' ġbir previsti fl-anness ta' din id-deċiżjoni.

(b) Huma għandhom jinġarru f'kontenituri jew veikoli ssiġillati taħt id-direzzjoni ta' l-awtorità kompetenti u jintbagħtu direttament miż-żoni ta' produzzjoni lejn stabbiliment approvat u awtorizzat għall-preparazzjoni speċifika ta' dawn il-molluski, li timplika t-tneħħija ta' l-*hepatopancreas*, ta' ċelloli rotob jew ta' kull parti oħra kkontaminata li mhix konformi mal-punt 2 ta' l-Anness. Lista ta' stabbilimenti li għandhom din l-awtorizzazzjoni speċjali għandha tingħata mill-awtorità kompetenti lill-Kummissjoni Europea u lill-Istati Membri.

(ċ) Flimkien mal-molluski għandu jkun hemm dokument ta' reġistrazzjoni, maħruġ mill-awtorità kompetenti għal kull lott, li jispeċifika l-esiġenzi tal-kapitlu II, punt 6, ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE kif ukoll il-parti/partijiet anatomiċi li jistgħu jiġu pproċessati għall-konsum tal-bniedem. L-għoti mill-awtorità kompetenti ta' awtorizzazzjoni permanenti ta' trasport mhix aċċettabbli.

[1] ĠU L 268 ta' l-24.9.1991, p. 1.
[2] ĠU L 24 tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 268 ta' l-24.9.1991, p. 15.

(d) Wara l-eliminazzjoni totali ta' l-*hepatopancreas*, ta' ċelloli rotob jew ta' kull parti oħra kkontaminata, il-muskolu *adductor* (li minnu jgħaddi l-likwidu) u/jew gonadi ddestinati għall-konsum tal-bniedem m'għandhomx jippreżentaw livell ta' ASP, skond il-metodu HPLC, superjuri għal 20 mg ta' DA għal kull kilogramma.

L-Artikolu 2

1. Kull lott ta' prodott finali għandu jkun analizzat mill-istabbiliment li għandu l-kunsens speċjali. Jekk kampjun, hekk kif definit fil-punt 2 ta' l-Anness ta' din id-deċiżjoni, jkun fih aktar minn 20 mg ta' DA għall-kull kilogramma, il-lott sħiħ għandu jiġi meqrud taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti.

2. L-*hepatopancreas*, ċelloli rotob jew kull parti oħra kkontaminata li taqbeż il-limiti ffissati fil-punt 2 ta' l-anness (inkluż il-prodott finali li jaqbeż il-limitu ta' 20 mg ta' DA għall-kull kilogramma) għandhom ikunu meqruda taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tara li l-awto-kontrolli sanitarji, previsti fl-artikolu 6 tad-Direttiva 91/493/KEE japplikaw għall-preparazzjoni li tissemma fl-artikolu 1(2) (b) ta' din id-Deċiżjoni. Il-produttur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull riżultat li jirrelata mal-prodott finali li mhux konformi mal-kapitlu V, punt 7 a, ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE..

L-Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid fid-dawl ta' progressi xjentifiċi.

L-Artikolu 4

Din id-deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati membri kollha.

Magħmula fi Brussel, nhar il-15 ta' Marzu 2002.

Mill-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

1. L-ebda ġbir ta' molluski b'żewġ valvoli ta' l-ispeċi *Pecten maximus* u *Pecten jacobaeus* m'hu awtorizzat jekk jinstab l-ASP fl-ilma taz-zoni ta' produzzjoni, skond il-kapitlu VI, punt 2, ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE.

2. Reġim ristrett ta' ġbir ta' molluski li jippreżentaw konċentrazzjoni ta' DA fil-korp sħiħ ogħla minn 20 mg għal kull kilogramma jista' jiġi applikat jekk żewġ analiżi konsekuttivi ta' kampjuni, meħuda b'intervall ta' bejn jum sa mhux aktar minn sebat ijiem massimi, juru li l-konċentrazzjoni ta' DA fil-mollusku sħiħ hi inferjuri għal 250 mg għal kull kilogramma u li l-konċentrazzjoni ta' DA fil-partijiet destinati għall-konsum tal-bniedem, li għandhom jiġu analizzati separatament, hi inferjuri għal 4,6 mg għall-kull kilogramma. L-analiżi tal-korp sħiħ hi magħmula fuq total ta' 10 molluski. L-analiżi tal-partijiet li jistgħu jittieklu hi magħmulha fuq 10 partijiet differenti.

3. Il-punti tat-teħid tal-kampjuni għandhom jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi żgurat li l-molluski huma konformi ma' l-esiġenzi li jissemmew fil-punt 2. Jekk il-ġbir hu awtorizzat, il-frekwenza ta' teħid ta' kampjuni bil-għan li jitkejjel id-DA fil-molluski (il-korp sħiħ kif ukoll il-muskolu *adductor* (li minnu jgħaddi l-likwidu) gonadi separatament) hi ta' mill-anqas darba kuljum. Il-ġbir jista' jitkompla jekk ir-riżultati huma konformi mal-kundizzjonijiet indikati fil-punt 2.